

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 200 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

12 ta' Lulju 2013

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Parlament Ewropew

2013/C 200 A/01

Avviż ta' reklutaġġ Nru PE/168/S 1

Prezz: EUR 3

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

AVVIŻ TA' REKLUTAĠĠ NRU PE/168/S

(2013/C 200 A/01)

Il-Parlament Ewropew qed jorganizza proċedura tal-għażla abbażi ta' kwalifiki u testijiet sabiex jistabbilixxi lista ta' riżerva għall-pożizzjoni ta'

AĠENT TEMPORANJU

UFFIĊJAL TAL-ISTAMPA (AD 5)

(ta' sess femminil jew maskil)

Qabel tapplika, jekk jogħġbok aqra sew il-gwida għall-kandidati annessa ma' dan l-avviż ta' reklutaġġ.

Din il-gwida li tagħmel parti integrali tal-avviż ta' reklutaġġ, se tgħinek tifhem ir-regoli marbuta mal-proċeduri u l-modalitajiet ta' iskrizzjoni.

WERREJ

- A. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET U KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI (PROFIL IMFITTEX)
- B. IL-PROĊEDIMENT TAL-PROĊEDURA
- C. IT-TRESSIQ TAL-APPLIKAZZJONIJIET
- ANNEX: GWIDA GĦALL-KANDIDATI FIL-PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA ORGANIZZATI MILL-PARLAMENT EWROPEW

A. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET U KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI (PROFIL IMFITTEX)**1. Elementi ġenerali**

Il-Parlament Ewropew iddeċieda li jibda l-proċedura sabiex timtela l-pożizzjoni temporanja ta' Uffiċjal tal-Istampa (AD 5) — Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, Direttorat għall-Midja, Unità tas-Servizzi u s-Segwitu tal-Midja.

Dan il-kuntratt se jiġi konkluż għal perjodu indeterminat. Ir-reklutaġġ se jsir għall-grad AD 5 l-ewwel skala, u s-salarju bażiku se jkun EUR 4 349,59 kull xahar. Dan is-salarju huwa soġġett għat-taxxa Komunitarja u għal tnaqqis ieħor previst mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS); Is-salarju huwa eżentat minn kull taxxa nazzjonali. L-iskala li fiha se jiġi reklutat il-kandidat tista' madankollu tiġi adattata skont l-esperjenza professjonali tiegħu. Barra minn hekk, taħt ċerti kundizzjonijiet se jiżiedu allowances mas-salarju bażiku.

Din il-funzjoni teżiġi missjonijiet frekwenti fil-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew u barra minnhom, kif ukoll diversi kuntatti interni u esterni.

Il-Parlament Ewropew japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kultur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politiki jew oħrajn, is-shubbija fminoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

2. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

Ibbażat f'Barcelona ⁽¹⁾, l-uffiċjal tal-istampa se jkun responsabbli li jwettaq, fil-qafas tal-programmi u l-prijoritajiet definiti mill-korpi parlamentari u/jew il-ġerarkija tiegħu, dawn il-kompiti li ġejjin:

- jinforma lill-midja nazzjonali, reġjonali u speċjalizzata dwar ir-rwol u l-attività tal-Parlament Ewropew,
- jipromwovi relazzjonijiet strutturati mal-istampa miktuba, awdjoviżiva u elettronika billi jstabbilixxi kuntatti diretti u personali mal-midja kollha tal-pajjiż,
- jiggarrantixxi monitoraġġ permanenti tal-interess fil-kwistjonijiet Ewropej tal-midja ta' Spanja u jirrapporta dwar dan l-interess lid-Direttur Ġenerali,
- jikkoopera fl-organizzazzjoni ta' żjarat, simpożji u seminars tal-istampa nazzjonali, reġjonali u speċjalizzata,
- jikkoopera fit-tweqqif tal-attivitàjiet u l-prodotti tal-midja maħsuba biex jipromwovu l-għarfien dwar l-attivitàjiet tal-Istituzzjoni.

It-tweqqif ta' dawn il-funzjonijiet jeżiġi ħila ta' antiċipazzjoni, reazzjoni u komunikazzjoni, ħiliet interspersjali kif ukoll il-ħila li wieħed jittratta l-informazzjoni u li jiffoka fuq il-kwistjonijiet essenzjali.

3. Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (profil imfittex)

Fid-data tal-għeluq stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-kandidati għandhom jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Kundizzjonijiet ġenerali

Skont l-Artikolu 12(2) tas-CEOS, jeħtieġ b'mod speċjali li l-kandidati:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jgawdu d-drittijiet ċiviċi tagħhom,
- ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari,
- jiproduċu r-referenzi ta' karattru mitluba għat-tweqqif tad-dmirijiet previsti.

⁽¹⁾ Din il-pożizzjoni tista' tkun ibbażata f'wieħed mill-postijiet tax-xogħol l-oħra tal-Parlament Ewropew.

(b) Kundizzjonijiet speċifiċi

(i) **Titoli, lawrji u għarfien meħtieġ**

Il-kandidati għandu jkollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' ċiklu komplut ta' studji universitarji ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikat b'lawrja rikonoxxuta b'mod uffiċjali, f'qasam marbut mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

(ii) **Esperjenza professjonali meħtieġa**

Mhija meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

(iii) **Għarfien lingwistiku**

Il-kandidati għandu jkollhom:

għarfien fil-fond tal-lingwa Spanjola (lingwa 1)

u

għarfien tajjeb ħafna tal-lingwa Ingliża u Katalana (lingwi 2 u 3).

Il-kumitat tal-għażla se jikkunsidra l-għarfien ta' lingwi oħra uffiċjali ⁽¹⁾ tal-Unjoni Ewropea.

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) fil-Kawża C-566/10 P, ir-Repubblika Taljana/il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jista' jillimita l-għażla tal-lingwi 2 u 3 għal numru limitat.

Il-kandidati huma infurmati li l-lingwi 2 u 3 użati għall-finijiet ta' din il-proċedura tal-għażla ġew definiti skont l-interess tas-servizz, li jeżiġi li r-reklutati l-ġodda jkunu operattivi minnufih fi ħdan l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Barċelona u kapaċi li jikkomunikaw b'mod effikaċi fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Inkella, il-funzjonament effikaċi tal-istituzzjoni jirriskja li jkun serjament ostakolat.

B'kunsiderazzjoni tal-prattika tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-lingwi ta' komunikazzjoni u b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni f'Barċelona fil-qasam tal-għarfien tas-soċjetà ċivili u l-midja lokali, l-Ingliż jibqa' l-iktar lingwa użata. Barra minn hekk, il-qasam partikolari ta' din il-proċedura tal-għażla jjeġġustifika l-eżiġenza ta' għarfien tajjeb ħafna tal-lingwa Katalana.

Il-valutazzjoni tal-kompetenzi speċifiċi tippermetti lill-Parlament Ewropew biex jevalwa l-ħila tal-kandidati li jkunu operattivi minnufih f'ambjent li jkun qrib dak li se jkunu meħtieġa jaħdmu fih.

B. IL-PROĊEDIMENT TAL-PROĊEDURA

Il-proċedura hija organizzata abbażi ta' **kwalfiki u testijiet**.

Il-lista tal-kandidati li ppreżentaw il-fajl tagħhom fil-forma mitluba qabel id-data tal-iskadenza u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali speċifikati fit-Taqsima A.3(a) hija stabbilita mill-Awtorità tal-Ħatra, imbagħad tiġi trażmessa flimkien mal-fajls lill-kumitat tal-għażla (**għal aktar dettalji, ara l-gwida għall-kandidati**).

⁽¹⁾ Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Ġrieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Isved, it-Taljan u l-Ungeriż.

1. Ammissjoni għall-proċedura tal-għażla

Il-kumitat tal-għażla se jeżamina l-fajls u jstabbilixxi lista ta' kandidati, li peress li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi kif speċifikati fit-Taqsima A.3(b), huma amessi għall-proċedura.

Fl-eżaminazzjoni tiegħu tal-fajls, il-kumitat se jibbaża l-għażla tiegħu esklussivament fuq l-indikazzjonijiet inniżżlin fl-applikazzjonijiet li jkunu appoġġati b'dokumenti ġustifikattivi (**għal aktar dettalji, ara l-gwida għall-kandidati**).

2. Evalwazzjoni tal-kwalifiki

Il-kumitat tal-għażla, abbażi tal-kriterji li jkun stabbilixxa minn qabel, jipproċedi għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-kandidati ammessi għall-proċedura tal-għażla u jstabbilixxi lista **tal-aħjar sitt kandidati** ammessi għat-testijiet.

Waqgħat l-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-kandidati, il-kumitat tal-għażla jikkunsidra b'mod partikolari:

- l-għarfien tal-istruttura tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, l-organizzazzjoni tiegħu, l-ambjent tiegħu u d-diversi persuni involuti,
- l-għarfien ġenerali tal-kwistjonijiet Ewropej,
- l-għarfien tal-industrija tal-midja Spanjola u Katalana (stampa, midja awdjoviżiva, midja online, midja soċjali),
- l-għarfien tal-metodi tat-tfassil u t-tixrid tal-informazzjoni,
- l-għarfien amministrattiv (riżorsi umani u/jew ġestjoni u/jew baġit u/jew finanzi u/jew IT u/jew legali, eċċ).
- il-ħila ta' kitba, speċjalment stqarrijiet għall-istampa, testi għall-pubblikazzjoni "online" u testi għall-"pubbliku ġenerali".

Marki: minn 0 sa 20 punt.

3. Testijiet

Sabiex jiġu evalwati l-kapaċitajiet tal-kandidati li jeżerċitaw il-funzjonijiet deskritti fit-Taqsima A.2 huma organizzati dawn it-testijiet li ġejjin:

Testijiet bil-miktub

- (a) Test tal-kitba bil-lingwa Ingliża (lingwa 2) abbażi ta' fajl ta' mhux aktar minn għoxrin paġna magħmul minn dokumenti bil-lingwa Ingliża, Spanjola u Katalana, maħsub biex jevalwa l-ħila tal-kandidati li jtrattaw fajl kif ukoll il-ħila tagħhom ta' kitba.

Tul ta' ħin tat-test: 3 sigħat.

Marki: minn 0 sa 40 punt (minimu meħtieġ: 20).

- (b) Test tal-kitba bil-lingwa Spanjola (lingwa 1), maħsub biex jevalwa l-ħila tal-kandidati li jiktbu stqarrija għall-istampa.

Tul ta' ħin tat-test: siegħa.

Marki: minn 0 sa 20 punti (minimu meħtieġ: 10).

- (c) Test tal-kitba bil-lingwa Katalana (lingwa 3), maħsub biex jevalwa l-ħila tal-kandidati li jiktbu ittra uffiċjali.

Tul ta' ħin tat-test: 30 minuta.

Marki: minn 0 sa 10 punti (minimu meħtieġ: 5).

Testijiet orali

(d) Intervista mal-kumitat tal-għażla bil-lingwa Ingliża (lingwa 2), li permezz tagħha tiġi vvalutata l-ħila tal-kandidati li jeżerċitaw il-funzjonijiet deskritti fit-Taqsima A.2 “Deskrizzjoni tal-funzjonijiet”, b’kunsiderazzjoni tal-elementi kollha mniżżlin fil-fajl tal-applikazzjoni. L-għarfien tal-lingwa Spanjola u Katalana se jiġi ttestjat ukoll waqt l-intervista.

Tul ta’ ħin massimu tat-test: 45 minuta.

Marki: minn 0 sa 40 punt (minimu meħtieġ: 20 punt).

(e) Test ta’ diskussjoni fi grupp bil-lingwa Ingliża (lingwa 2), sabiex jippermetti lill-kumitat tal-għażla li jevalwa l-ħila ta’ adattament, il-ħila ta’ negozjar u ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet kif ukoll l-imġiba tal-kandidati fi grupp.

It-tul ta’ ħin ta’ dan it-test se jiġi stabbilit mill-kumitat tal-għażla skont il-kompożizzjoni definita tal-gruppi.

Marki: minn 0 sa 20 punt (minimu meħtieġ: 10 punti).

Qed tingħbed l-attenzjoni tal-kandidati fuq il-fatt li t-testijiet jistgħu jsiru f’jum jew f’jumejn konsekuttivi.

4. Iskrizzjoni fil-lista ta’ riżerva

Il-lista ta’ riżerva se tinkludi, skont l-ordni tal-mertu, l-isem tat-**tlit kandidati** li jkunu kisbu l-aktar punti fil-proċedura kollha (evalwazzjoni tal-kwalifiki u tat-testijiet) bil-kundizzjoni li jkunu kisbu tal-anqas 50 % tal-punti f’din il-proċedura kollha u l-minimu mitlub għal kull test eliminatorju.

Il-kandidati se jiġu nfurmati individwalment bir-riżultati tagħhom u l-lista ta’ riżerva se titwaħħal fuq il-bords uffiċjali fil-bini tal-Parlament Ewropew.

Il-validità tal-lista ta’ riżerva se tiskadi fil-**31 ta’ Diċembru 2017**; din tista’ tiġi estiża. F’dak il-każ, il-kandidati mniżżla fil-lista se jiġu infurmati fi żmien xieraq.

Kull kandidat imniżżel fil-lista ta’ riżerva li jiġi offert impjeg, aktar tard għandu jippreżenta għall-finijiet ta’ ċertifikazzjoni l-orġinali tad-dokumenti kollha meħtieġa, speċjalment il-lawrji u ċ-ċertifikati ta’ xogħol tiegħu.

C. IT-TRESSIQ TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-kandidati għandhom jimlew il-formola tal-applikazzjoni bl-Ingliż (oriġinali jew kopja) speċifika għall-avviż ta’ reklutaġġ u li tinsab fil-Ġurnal Uffiċjali ppubblikat mill-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-kandidati huma mistiedna jaqraw bir-reqqa l-gwida għall-kandidati qabel ma jimlew l-applikazzjoni tagħhom.

Il-formola tal-applikazzjoni u l-fotokopji tad-dokumenti **għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata** ⁽¹⁾ sa mhux aktar tard **mit-13 ta’ Awwissu 2013** (it-timbru tal-posta jinżamm bħala prova), fl-indirizz li ġej:

PARLEMENT EUROPÉEN

Unité concours et procédures de sélection — MON 04 S 010

Procédure de sélection PE/168/S

(għandu jiġi indikat in-numru ta’ referenza tal-proċedura ta’ selezzjoni)

Rue Wiertz 60

1047 Bruxelles/Brussel

Belgique/België

Il-kandidati huma mitluba biex MA JĊEMPLUX rigward l-iskeda taż-żmien tal-proċedura.

Hija r-responsabilità tal-kandidati li jikkuntattjaw lill-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri ta’ Għażla b’fax (+32 22831717), b’email (PE-168-S@ep.europa.eu) jew b’ittra jekk ma tkunx waslitilhom ittra rigward l-applikazzjoni tagħhom qabel it-30 ta’ Ottubru 2013.

⁽¹⁾ Il-kunsinna minn kumpanija privata tal-posta titqies bħala rreġistrata. F’dan il-każ, id-data li tidher fuq il-formola tal-kunsinna se tinżamm bħala prova.

ANNEX

Gwida għall-kandidati fil-proċeduri tal-għażla organizzati mill-Parlament Ewropew

	<i>Paġna</i>
1. DAĦLA	7
Kif issir proċedura tal-għażla?	7
2. STADJI TAL-PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA	7
Ir-riċevuta tal-applikazzjonijiet	7
Eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali	7
Eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi	8
Evalwazzjoni tal-kwalifiki	8
Testijiet	8
Lista ta' riżerva	9
3. KIF TAPPLIKA?	9
Elementi ġenerali	9
Kif tibgħat il-fajl komplut?	9
Liema dokumenti ġustifikattivi għandek teħmeż mal-fajl?	9
Elementi ġenerali	9
Dokumenti ġustifikattivi għall-kundizzjonijiet ġenerali	10
Dokumenti ġustifikattivi għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-evalwazzjoni tal-kwalifiki	10
4. KOMUNIKAZZJONI	11
5. INFORMAZZJONI ĠENERALI	11
Opportunitajiet indaqs	11
Talbiet mill-kandidati għall-aċċess għall-informazzjoni li tikkonċernahom	12
Protezzjoni tad-data personali	12
Spejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn	12
ANNEX I	13
ANNEX II	15

1. DAĦLA

Kif issir proċedura tal-għażla?

Proċedura tal-għażla tinvolvi sensiela ta' stadji fejn il-kandidati jikkompetu bejniethom; din il-proċedura hija miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea li, sad-data tal-iskadenza stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kriterji meħtieġa, u tagħti ċans ekwu lill-kandidati kollha biex juru l-ħiliet tagħhom u tippermetti għażla bbażata fuq il-mertu, fir-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-kandidati li jgħaddu proċedura tal-għażla jtniżżlu f'lista ta' riżerva li se sservi ta' bażi għall-Parlament Ewropew sabiex jimla l-pożizzjoni li għaliha japplika dan l-avviż ta' reklutaġġ.

Għal kull proċedura tal-għażla se jinħatar kumitat tal-għażla magħmul minn membri li jirrappreżentaw l-amministrazzjoni u l-kumitat tal-persunal. Il-ħidmiet ta' dan il-kumitat tal-għażla huma sigrieti u jitwettqu skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali.

Il-kandidati ma jstgħu taħt l-ebda ċirkostanza jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-kumitat tal-għażla. L-Awtorità tal-Ħatra għandha d-dritt li teskludi kull kandidat li jmur kontra din l-istruzzjoni.

Il-kumitat tal-għażla jimxi b'mod strett mal-kriterji ta' ammissjoni msemmija fl-avviż ta' reklutaġġ biex jiddeċiedi jekk kandidat għandux jiġi ammess jew le għall-kompetizzjoni. Il-kandidati li kienu ammessi għal kompetizzjoni jew proċedura tal-għażla preċedenti mhux se jkunu awtomatikament eliġibbli.

Sabiex jagħżel l-aħjar kandidati, il-kumitat tal-għażla jqabbel il-prestazzjonijiet tal-kandidati sabiex jivvaluta l-ħiliet tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-avviż. Għalhekk m'għandux biss jevalwa l-livell tal-għarfien, iżda wkoll jidentifika l-persuni l-aktar kkwalifikati abbażi tal-merti tagħhom.

Għall-informazzjoni, proċedura tal-għażla tista' ddum bejn 6 u 9 xhur, skont in-numru tal-kandidati.

2. STADJI TAL-PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Il-proċedura tal-għażla hija magħmula minn dawn l-istadji li ġejjin:

- ir-riċevuta tal-applikazzjonijiet,
- l-eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali,
- l-eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi,
- l-evalwazzjoni tal-kwalifiki (ammissjoni għat-testijiet),
- it-testijiet,
- il-lista ta' riżerva.

Ir-riċevuta tal-applikazzjonijiet

Il-kandidati li jiddeċiedu li japplikaw għandhom jibagħtu fajl komplut tal-applikazzjoni, li jinkludi l-formola tal-applikazzjoni speċifika għall-avviż ta' reklutaġġ, mimlija, iffirmata u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa li jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ. Dawk il-kandidati li ma jagħmlux dan jiġu esklużi mill-kompetizzjoni. Dan il-fajl **għandu jintbagħat bil-posta rreġistrata** (*il-kunsinna minn kumpanija privata tal-posta se titqies bħala ekwivalenti tal-posta rreġistrata. F'dan il-każ, id-data li tidher fil-formola tal-kunsinna se titqies bħala d-data tal-kunsinna*) sad-data speċifikata fl-avviż. Ara t-taqsima C tal-avviż ta' reklutaġġ għall-indirizz u d-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet.

Eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali

L-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri ta' Għażla se teżamina jekk l-applikazzjoni tistax tiġi aċċettata, jiġifieri jekk l-applikazzjoni intbagħtix fil-forma u sad-data tal-iskadenza mitluba fl-avviż ta' reklutaġġ u jekk il-kundizzjonijiet ġenerali ta' ammissjoni ġewx sodisfati.

Konsegwentement, **jiġu awtomatikament eliminati** l-kandidati li:

- jkunu bagħtu l-fajl tal-applikazzjoni tagħhom wara d-data tal-iskadenza, kif muri mit-timbru tal-posta jew mill-formola tal-kunsinna tal-kumpanija privata tal-posta,
- ma bagħtux il-fajl tal-applikazzjoni tagħhom bil-posta rreġistrata jew permezz ta' kumpanija privata tal-posta,
- ma użawx u/jew ma mlew x b'mod adegwat l-applikazzjoni speċifika għall-avviż ta' reklutaġġ,
- ma ffirmaw x l-applikazzjoni,
- ma jissodisfaw x il-kundizzjonijiet ġenerali ta' ammissjoni.

Il-kandidati jiġu infurmati individwalment b'dan ir-rifjut **wara d-data tal-iskadenza għat-tressiq tal applikazzjonijiet**.

Il-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ hija stabbilita mill-awtorità tal-ħatra, imbagħad din il-lista tintbagħat flimkien mal-fajls lill-kumitat tal-għażla.

Eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi

Il-kumitat tal-għażla jeżamina l-applikazzjonijiet u jstabilixxi l-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ. Huwa jibbaża **esklużivament** fuq l-indikazzjonijiet mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni **li jkunu appoġġati bid-dokumenti ġustifikattivi**.

L-istudji, it-taħriġ, l-esperjenza professjonali u l-għarfien lingwistiku għandhom jiġu speċifikati fid-dettall fl-applikazzjoni, jiġifieri:

- għall-istudji: id-dati tal-bidu u t-tmiem u d-deskrizzjoni tal-lawrja/i, kif ukoll is-suġġetti studjati;
- għall-esperjenza professjonali eventwali: id-dati tal-bidu u t-tmiem tal-esperjenza kif ukoll dekrizzjoni preċiża tal-kompiti mwettqa.

Il-kandidati li jkunu ppubblikaw studji, artikli jew testijiet oħra marbuta mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet għandhom jinkluduhom fil-formola tal-applikazzjoni.

F'dan l-istadju huma esklużi l-kandidati li ma jissodisfaw x il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ.

Kull kandidat jiġi infurmat b'ittra dwar id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla jekk ġiex ammess jew le għall-proċedura.

Evalwazzjoni tal-kwalifiki

Sabiex jagħżel il-kandidati li jiġu mistiedna għat-testijiet, il-kumitat tal-għażla jipproċedi għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-kandidati ammessi (ara l-paragrafu ta' hawn taħt). Huwa jibbaża **esklużivament** fuq l-indikazzjonijiet mogħtija fl-applikazzjonijiet **li huma appoġġati bid-dokumenti ġustifikattivi** (ara l-punt 3 ta' hawn taħt). Il-kumitat tal-għażla jibbaża fuq il-kriterji li jkun stabbilixxa minn qabel filwaqt li jikkunsidra, b'mod speċjali, il-kwalifiki speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ fit-Taqsima B.2.

Kull kandidat jiġi infurmat b'ittra dwar id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla jekk ġiex ammess jew le għat-testijiet.

Testijiet

It-testijiet kollha huma obbligatorji u eliminatorji. In-numru massimu ta' kandidati ammessi għat-testijiet huwa stabbilit fit-Taqsima B.2 tal-avviż ta' reklutaġġ.

Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna għat-testijiet kollha bil-miktub u orali. Madankollu, l-immarkar tat-testijiet isir fl-ordni li jidher fl-avviż ta' reklutaġġ. Konsegwentement, meta kandidat ma jkunsibx il-marka minima meħtieġa f'wieħed mit-testijiet eliminatorji, il-kumitat tal-għażla mhux se jimmarka t-testijiet sussegwenti.

It-testijiet tal-kandidati li jaqtgħu qalbhom ma jiġux immarkati.

Lista ta' riżerva

In-numru massimu biss tal-kandidati stabbilit fit-Taqsima B.4 tal-avviż ta' reklutaġġ jiddaħħal fil-lista ta' riżerva.

Il-fatt li isem ta' kandidat ikun inniżżel fil-lista ta' riżerva jfisser li jista' jiġi mistieden minn wieħed mis-servizzi tal-istituzzjoni għal intervista, iżda dan ma jikkostitwixxi la dritt u lanqas garanzija ta' reklutaġġ mill-istituzzjoni.

3. KIF TAPPLIKA?

Elementi ġenerali

Qabel tapplika għandek tiċċekkja sew jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi. Dan jimplika li għandek l-ewwel taqra l-avviż ta' reklutaġġ u din il-gwida u taċċetta t-termini.

Minkejja li dan l-avviż ta' reklutaġġ m'għandux limitu ta' età, għandek tinnota l-età tal-pensjoni stabbilita mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/civil_service/docs/toc100_en.pdf)

Il-kandidati huma mitluba jimlew il-formola tal-applikazzjoni (oriġinali jew kopja) speċifika għall-avviż ta' reklutaġġ u li tinsab fil-Ġurnal Uffiċjali ppubblikat mill-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Id-dokumenti li jintbagħtu wara d-data tal-iskadenza mhux se jiġu kkunsidrati.

Il-kandidati li għandhom diżabilità jew li jinsabu f'sitwazzjoni partikolari (pereżempju: tqala, treddiġh, stat ta' saħħa, trattament mediku, eċċ), li tista' tikkawża diffikultajiet waqt il-proċediment tat-testijiet, għandhom jindikawha fl-applikazzjoni u jaqgħu kull informazzjoni utli sabiex tippermetti lill-amministrazzjoni biex, jekk ikun possibbli, tieħu l-miżuri kollha neċessarji. Fejn ikun xieraq, għandhom jehmżu mal-applikazzjoni tagħhom, fuq karta separata, preċiżjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet li huma jqisu neċessarji biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom għat-testijiet.

Kif tibgħat il-fajl komplut?

1. Imla u ffirmja l-applikazzjoni speċifika għall-avviż ta' reklutaġġ,
2. ehmeż lista nnumerata tad-dokumenti ġustifikattivi kollha mal-fajl tiegħek;
3. ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa, li inti tkun innumerajt minn qabel,
4. ibgħat il-fajl skont il-modalitajiet u qabel id-data tal-iskadenza fl-avviż ta' reklutaġġ.

Liema dokumenti ġustifikattivi għandek teħmeż mal-fajl?

Elementi ġenerali

Tibgħatx dokumenti oriġinali. Kopji mhux ċertifikati biss tad-dokumenti meħtieġa għandhom jiġu mehmuża. Ir-referenzi għal websajts ma jistgħux jitqiesu bħala dokumenti ġustifikattivi. Dokumenti pprintjati minn websajts mhux se jitqiesu bħala ċertifikati, iżda jistgħu jinhemżu bħala informazzjoni addizzjonali.

Niġbdulek l-attenzjoni għall-fatt li l-kandidati mniżżla fil-lista ta' riżerva li għalihom huwa offert impjieg, għandhom jippreżentaw l-oriġinali tad-dokumenti meħtieġa qabel ma jkunu jistgħu jiġu reklutati.

Curriculum vitae mhuwiex meqjus bħala dokument ġustifikattiv.

Il-kandidati ma jistgħux jirreferu għal dokumenti, formoli tal-applikazzjonijiet jew dokumenti oħra mibgħuta waqt kompetizzjoni preċedenti ⁽¹⁾.

L-ebda element tal-fajl ma jintbagħat lura lill-kandidati.

Dokumenti ġustifikattivi għall-kundizzjonijiet ġenerali

F'dan l-istadju l-ebda dokument mhuwa meħtieġ biex jiġġustifika li l-kandidati:

- huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- igawdu d-drittijiet ċiviċi tagħhom,
- issodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari,
- jipproduċu r-referenzi ta' karattru mitluba għat-tweġiq tad-dmirijiet previsti.

Il-kandidati għandhom jiffirmaw il-formola tal-applikazzjoni. B'din il-firma, il-kandidati jiddikjaraw fuq l-unur tagħhom li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet u li l-informazzjoni pprovduta hija vera u kompluta.

Dokumenti ġustifikattivi għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-ewwazzjoni tal-kwalifiki

Huwa fidejn il-kandidati li jipprovdu lill-kumitat tal-għażla bl-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettu lill-kumitat biex jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-formola tal-applikazzjoni.

Lawrji u/jew ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tal-istudji

Il-kandidati għandhom jipprovdu fotokopji tal-lawrji jew taċ-ċertifikati li jiċċertifikaw l-istudji tal-livell meħtieġ mill-avviż ta' reklutaġġ.

F'dan ir-rigward il-kumitat tal-għażla jqis l-istrutturi differenti tal-edukazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Għal diplomi postsekondarji, għandha tinhemeż l-informazzjoni l-aktar dettaljata possibbli, speċjalment dwar id-dewmien tal-istudji u s-suġġetti studjati, sabiex il-kumitat tal-għażla jkun jista' jevalwa r-rilevanza tad-diplomi b'rabta mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

Fil-każ ta' taħriġ tekniku jew professjonali, jew kors ta' perfezzjonament jew speċjalizzazzjoni, il-kandidati għandhom jindikaw jekk kienu kors full time jew part time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti studjati u d-dewmien uffiċjali tal-korsijiet.

Esperjenza professjonali

L-esperjenza professjonali se titqies biss jekk tkun inkisbet wara l-kisba tal-lawrja jew taċ-ċertifikati meħtieġa. Id-dokumenti ġustifikattivi jeħtieġu jagħtu prova **tad-dewmien u l-livell** tal-esperjenza professjonali u d-deskrizzjoni tal-kompiti teħtieġ tkun dettaljata kemm jista' jkun sabiex il-kumitat tal-għażla jkun jista' jqis ir-rilevanza tal-esperjenza b'rabta mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

Il-perjodi kollha tal-attività professjonali kkonċernati għandhom ikunu koperti minn dokumenti ġustifikattivi, speċjalment:

- ċertifikati minn impjegaturi preċedenti u mill-impjegatur attwali li jiġġustifikaw l-esperjenza professjonali mitluba għall-aċċess għall-proċedura tal-għażla;
- jekk, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-kandidati ma jistgħux jehmżu taċ-ċertifikati tal-impjieg meħtieġa, *huwa obbligatorju li*, sabiex jissostitwixxu dawn iċ-ċertifikati, għandhom jipprovdu fotokopji tal-kuntratt tax-xogħol jew tal-ittra ta' reklutaġġ u/jew tal-ewwel u l-aħħar karta tal-paga;
- għall-attivitàjiet professjonali mhux imħallsa (indipendenti, professjonijiet liberali, eċċ), huma aċċettati bħala prova irċevuti jew formoli għall-ordnijiet li jagħtu dettalji dwar is-servizzi mogħtija, jew kull dokument ieħor ġustifikattiv uffiċjali rilevanti.

⁽¹⁾ Dawn il-kundizzjonijiet japplikaw għall-kandidati kollha, inklużi l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Għarfien lingwistiku

L-għarfien tal-lingwi meħtieġ għandu jkun iċċertifikat minn diploma, ċertifikat jew dikjarazzjoni fuq l-unur, fuq karta separata, li tispjega kif inkiseb l-għarfien ta' dawn il-lingwi.

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, jiġi nnutat li l-indikazzjonijiet pprovduti fl-applikazzjoni ma jkunux eżatti, ma jkunux ikkonfermati mid-dokumenti mibgħuta jew ma jikkorrispondux għal kundizzjonijiet kollha ta' dan l-avviż ta' reklutaġġ, l-ammissjoni tal-kandidat tiġi ddkjarata nulla.

4. KOMUNIKAZZJONI

Hija r-responsabilità tal-kandidati li jieħdu l-miżuri kollha sabiex l-applikazzjoni (oriġinali jew kopja) kkompletata kif xieraq u ffirmata, akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi kollha, tintbagħat bil-posta rreġistrata ⁽¹⁾, qabel id-data tal-iskadenza. It-timbru tal-posta jitqies bħala prova.

B'kunsiderazzjoni taż-żmien li tiegħu l-posta biex tasal fid-destinazzjoni tagħha, il-kandidat għandu jindirizza ittra, faks jew email ⁽²⁾ lill-Unità tal-kompetizzjonijiet jekk ma jirċevix ittra ta' stedina jew ittra li tinfirmah li ma ġiex ammess sad-data mogħtija fl-aħħar paragrafu tal-avviż ta' reklutaġġ.

F'kull korrispondenza relatata mal-applikazzjoni, il-kandidat għandu jikkwota l-isem mogħti f'dik l-applikazzjoni u n-numru tal-proċedura tal-għażla.

Kull korrispondenza indirizzata mill-Parlament Ewropew relatata ma' proċedura tal-għażla, inklużi l-konvozzjonijiet għat-testijiet, tintbagħat bl-email lill-indirizz indikat mill-kandidat fl-applikazzjoni. Huwa fidejn il-kandidat li jiċċekkja l-email tiegħu (inkluż il-fajl Spam) regolarment (**tal-anqas darbtejn fil-ġimgħa**) u li jinnotifika lill-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri ta' Għażla dwar bidla eventwali tal-informazzjoni personali tiegħu.

Għal kull komunikazzjoni dwar il-proċedura, jekk jogħġbok ibgħat email f'dan l-indirizz funzjonali: PE-168-S@ep.europa.eu

Jekk ma jibqax possibbli li tiċċekkja l-email tiegħek, **hija r-responsabilità tiegħek li tinforma minnufih** lill-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri ta' Għażla u li tagħtiha indirizz elettroniku ġdid.

Sabiex tigarantixxi ċ-ċarezza u l-komprensjoni tat-testi ġenerali u l-korrispondenza mibgħuta lill-kandidati u rċevuta mingħandhom, il-konvozzjonijiet għat-testijiet differenti, kif ukoll kull korrispondenza bejn l-Unità għall-kompetizzjoni u proċeduri tal-għażla u l-kandidati se jsiru biss bil-Ġermaniż, bl-Ingliż jew bil-Franċiż. L-ebda korrispondenza m'għandha ssir bil-lingwa prinċipali (lingwa 1) tal-kandidat.

Sabiex tinżamm l-indipendenza tal-kumitat tal-għażla, kull kuntatt, dirett jew indirett, tal-kandidati mal-kumitat tal-għażla huwa formalment ipprojbit u jista' jwassal għall-esklużjoni mill-proċedura.

Kull korrispondenza indirizzata lill-Kumitat tal-għażla, kif ukoll kull talba għall-informazzjoni jew korrispondenza relatata mal-proċediment tal-proċedura, għandha tkun indirizzata esklussivament lill-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri tal-għażla ⁽²⁾, li hija inkarigata mill-komunikazzjoni mal-kandidati sat-tmiem tal-proċedura tal-għażla.

5. INFORMAZZJONI ĠENERALI

Opportunitajiet indaqs

Il-Parlament Ewropew jiżgura li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni waqt il-proċedura tal-għażla.

Huwa japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijġini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politiki jew oħrajn, is-sħubija f-minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

⁽¹⁾ Il-kunsinna minn kumpanija privata tal-posta titqies bħala rreġistrata. F'dan il-każ, id-data li tidher fuq il-formola tal-kunsinna se tinżamm bħala prova.

⁽²⁾ Indirizz: Parlement européen, Unité concours et procédures de sélection — MON 04 S 010, Procédure de sélection PE/168/S, Rue Wiertz 60, 1047 Bruxelles/Brussel, Belgique/België. Numru tal-faks: +32 22831717. Email: PE-168-S@ep.europa.eu

Talbiet mill-kandidati għall-aċċess għall-informazzjoni li tikkonċernahom

Fil-kuntest tal-proċeduri tal-għażla, il-kandidati għandhom id-dritt speċifiku li jaċċedu, fil-kundizzjonijiet deskritti hawn taħt, għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament jew individwalment. Għalhekk, il-Parlament Ewropew jista' jagħti lil kandidat, fuq talba tiegħu, din l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

- (a) il-kandidati li ma jkunux għaddew mit-testijiet bil-miktub u/jew ma kinux fost dawk li ġew mistiedna għat-test orali jistgħu jiksbu, fuq talba, kopja ta' dawn it-testijiet kif ukoll kopja tal-karta tal-evalwazzjoni individwali li tinkludi l-valutazzjonijiet mogħtija mill-kumitat tal-għażla. It-talba għandha ssir fi żmien xahar mid-data ta' meta intbagħtet l-ittra li tikkomunika d-deċiżjoni li temmet il-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-għażla.
- (b) il-kandidati li ġew mistiedna għat-testijiet orali u li ma tniżżlux fil-lista ta' riżerva se jiġu infurmati bir-riżultati tagħhom fit-testijiet differenti wara l-istabbiliment tal-lista ta' riżerva mill-kumitat tal-għażla. Dawn il-kandidati jistgħu wkoll jiksbu kopja tat-testijiet tal-kitba tagħhom skont il-kundizzjonijiet speċifikati taħt a).
- (c) il-kandidati mniżżla fil-lista ta' riżerva huma infurmati biss bil-fatt li huma rnexxew fil-proċedura tal-għażla.

It-talbiet huma trattati b'kunsiderazzjoni tal-karattru sigriet tal-ħidmiet tal-kumitat tal-għażla previst mir-Regolamenti tal-Persunal (Anness III, Artikolu 6) u fir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi rigward it-ttrattament tad-data personali.

Protezzjoni tad-data personali

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-għażla, għandu jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi trattata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data⁽¹⁾, speċjalment rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħhom.

Spejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn

Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn tingħata lill-kandidati mistiedna għat-testijiet. Huma jiġu infurmati bl-arranġamenti u bit-tariffi applikabbli waqt l-istedina tagħhom għat-testijiet.

L-indirizz mogħti mill-kandidati fil-formola tal-applikazzjoni huwa meqjuż bħala l-post li minnu l-kandidat jitlaq biex jattendi t-testijiet. F'dan ir-rigward, bidla tal-indirizz ikkomunikata mill-kandidat wara li l-Parlament Ewropew ikun bagħat l-istedina għat-testijiet ma tistax tiġi kkunsidrata, ħliel jekk il-Parlament iqis li ċ-ċirkostanzi msemmija mill-kandidat ikunu ekwivalenti għal force majeure jew ikun każ eċċezzjonali.

(¹) ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

ANNEX I

Tabella indikattiva tal-lawrji li jagħtu aċċess għall-proċeduri tal-għażla tal-grupp ta' funzjonijiet AD ⁽¹⁾

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju — 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju — 3 snin jew aktar
Belgique — Belgje	Licence — Licentiaat	
България	Диплома за висше образование Бакалавър/магистър	
Česká republika	Diplom o ukončení vysokoškolského studia/Magistr	Diplom o ukončení Bakalářského studia
Danmark	Kandidatgrad	Bachelorgrad
Deutschland	Hochschulabschluss/Fachhochschulabschluss (8 Semester)/Master	Fachhochschulabschluss (6-7 Semester)/Bachelor
Eesti	Bakalaureusekraad (160 ainepunkti)/Magistrikraad	Bakalaureusekraad (<160 ainepunkti)
Éire/Ireland	Céim Ollscoile (4 bliana)/University degree (4 years)	Céim bhaitisiléara/Bachelor's degree
Ελλάδα	Πτυχίο Α.Ε.Ι. (πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, Τ.Ε.Ι. υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης)	
España	Licenciatura	Diplomado/Ingeniero técnico
France	Maîtrise/Master	Licence
Hrvatska	Baccalaureus/Baccalaurea Magistar/Magistra	Baccalaureus/Baccalaurea
Italia	Laurea specialistica-LS/Laurea	Laurea-L (breve)
Κύπρος	Πανεπιστημιακό πτυχίο	
Latvija	Bakalaura diploms (160 kredīti)/Maģistra diploms	Bakalaura diploms (<160 kredīti)
Lietuva	Bakalauras (160 kreditas)/Magistras	Bakalauras (<160 kreditas)
Luxembourg		
Magyarország	Egyetemi oklevél	Főiskolai oklevél
Malta	University degree (4 years)	Bachelor's degree
Nederland	Doctoraal examen/Master	Bachelor
Österreich	Universitätsdiplom/Fachhochschuldiplom (8 Semester)/Magister (tra)	Fachhochschuldiplom (6-7 Semester)/Bakkalaureus(rea)
Polska	Magister/Magister inżynier	Licencjat/Inżynier
Portugal	Licenciatura	Bacharelato
România	Diplomă de licență (4 ans)	Diplomă de Licență
Slovenija	Univerzitetna diploma (4 leta ali več)	Univerzitetna diploma (najmanj 3 leta)
Slovensko	Diplom o ukončení vysokoškolského štúdia/Magister	Diplom o ukončení Bakalářského štúdia
Suomi/Finland	Maisterin tutkinto — Magisterexamen/Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor)	Kandidaatin tutkinto — Kandidatexamen/Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor)

(1) L-aċċess għall-grad 7 sa 16 tal-grupp ta' funzjonijiet AD huwa soġġett għall-kundizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena.

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju — 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju — 3 snin jew aktar
Sverige	Magisterexamen (Akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera)	Kandidatexamen (Akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng)
United Kingdom	University degree (4 years)	Bachelor's degree

Il-lawrji li nkisbu barra mill-Unjoni Ewropea, sad-data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, jeħtieġu jkunu ġew validati minn awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru.

ANNEX II

TALBIET GĦAL RIEŻAMI — APPELL — ILMENTI MAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Il-kandidati li jqisu li deċiżjoni affettwathom b'mod negattiv jistgħu jitolbu li jsir rieżami ta' din id-deċiżjoni, jappellaw jew jippreżentaw ilment lill-Ombudsman ⁽¹⁾.

Talba ta' rieżami

Il-kandidati jistgħu jintroduċu talba ta' rieżami billi jibagħtu:

— jew email fl-indirizz funzjonali tal-proċedura: PE-168-S@ep.europa.eu

— jew faks lil dan in-numru: +32 22831717

fi żmien **għaxart ijiem kalendarji** mid-data meta l-Unità tal-Kompetizzjonijiet u l-Proċeduri ta' Għażla tkun bagħtet l-email li tinnotifika din id-deċiżjoni.

It-tweġiba se tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli.

Din il-possibiltà hija limitata għall-istadji tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni u tal-ammissjoni għat-testijiet tal-kitba u orali.

Appelli

— Il-kandidati jistgħu jagħmlu lment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, indirizzat lil:

M. le Secrétaire général
Parlement européen
Bât. Konrad Adenauer
2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

Din il-possibiltà hija miftuħa għall-istadji kollha tal-proċedura tal-għażla.

Għandha tinġibed l-attenzjoni fuq id-diskrezzjoni kbira li jgawdu minnha l-ġurija tal-kompetizzjoni, li jaġixxu b'mod indipendenti, u li d-deċiżjonijiet tagħhom ma jstgħux jinbidlu mill-Awtorità tal-Ħatra. Id-diskrezzjoni kbira tal-ġurija tal-kompetizzjoni hija soġġetta għall-kontroll biss f'każ ta' ksur evidenti tar-regoli li jirregolaw il-ħidma tal-bord tal-għażla. F'dan l-aħħar każ, id-deċiżjoni tal-ġurija tista' titressaq quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea anke jekk ma jkun sar l-ebda lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

— It-talba għal appell għandha tintbagħat lil:

Tribunal de la fonction publique de l'Union européenne
2925 Luxembourg
LUXEMBOURG

abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 91 tar-Regolament tal-Uffiċjali.

Din il-possibiltà hija miftuħa biss għad-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitat tal-għażla.

F'każ ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jirrifjutaw l-aċċess għall-proċedura tal-għażla minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet ta' ammissjoni kif stipulat fit-titolu B, punt 1 tal-avviż, jista' jsir appell quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea biss wara li jsir ilment kif imsemmi hawn fuq.

It-talba għal appell quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea teħtieġ b'mod obligatorju l-intervent ta' avukat li jista' jeżerċita quddiem ġurisdizzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-limiti ta' żminijiet imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Uffiċjali ⁽²⁾ u li japplikaw għal dawn iż-żewġ tipi ta' appelli jibdwu jgħoddu, jew min-notifika tad-deċiżjoni inizjali li taffettwa b'mod negattiv jew, fil-każ biss ta' talba għal rieżami, mid-data tan-notifika tat-tweġiba inizjali tal-bord tal-għażla għal din it-talba.

⁽¹⁾ Talbiet għal rieżami, appell jew ilment lill-Ombudsman Ewropew ma jwaqqfux il-ħidma tal-kumitat tal-għażla.

⁽²⁾ Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u riċentement mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1080/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra ta' dawkl il-Komunitajiet (ĠU L 311, 26.11.2010, p. 1).

Ilmenti lill-Ombudsman


Bħal kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni Ewropea, il-kandidati jistgħu jagħmlu lment lil:

Médiateur européen
1, avenue du Président Robert Schuman — BP 403
67001 STRASBOURG CEDEX
FRANCE

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ⁽¹⁾.

Għandha tinġibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman ma jdewmux il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' appell quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 113, 4.5.1994, p. 15.



EUROPEAN PARLIAMENT

Secretariat
Competitions and
Selection Procedures Unit
1047 Brussels
BELGIUM

RECRUITMENT NOTICE PE/168/S

APPLICATION FORM

(to be filled in using block letters and black ink)

ALL FIELDS MUST BE FILLED IN

1. SURNAME FORENAMES

2. ADDRESS
(All correspondence will be sent to this address.
Please inform us immediately of any change of address).
Street: No: Work:
Postcode: Town: Country:
E-mail: @

3. DATE AND PLACE OF BIRTH:

4. SEX: Male Female

5. CURRENT NATIONALITY (in the case of dual nationality, please give both):
.....

6. KNOWLEDGE OF OFFICIAL EUROPEAN UNION LANGUAGES (*) AND OTHER EUROPEAN LANGUAGES (**):

Language 1: Languages 2 and 3: Other languages:

es: **en:** **ca:**

(*) bg=Bulgarian/es=Spanish/cs=Czech/da=Danish/de=German/et=Estonian/el=Greek/en=English/fr=French/ga=Irish/hr=Croatian/it=Italian/lv=Latvian/lt=Lithuanian/hu=Hungarian/mt=Maltese/nl=Dutch/pl=Polish/pt=Portuguese/ro=Romanian/sk=Slovak/sl=Slovenian/fi=Finnish/sv=Swedish
(**) ca=Catalan

8. PROFESSIONAL EXPERIENCE (enclose numbered photocopies). Continue on separate sheet(s) if necessary.

Nature and description of duties	Name and address of employer	from DD / MM / YY	to DD / MM / YY	DURATION DD / MM / YY
		□□ □□ □□	□□ □□ □□	□□ □□ □□
		□□ □□ □□	□□ □□ □□	□□ □□ □□
		□□ □□ □□	□□ □□ □□	□□ □□ □□
		□□ □□ □□	□□ □□ □□	□□ □□ □□

Professional experience in TOTAL:

□□ □□ □□
YY MM DD

9. Do you have a physical disability or are your specific circumstances (e.g. pregnant, breast-feeding, health problems, etc.) such as to create problems in connection with the organisation of the tests:

Yes No

If yes, please give details (to enable the Administration to make the necessary arrangements, where possible). Continue on separate sheet(s) if necessary:

.....
.....

10. Names, addresses and telephone numbers of persons to be contacted should you not be available:

.....
.....

DECLARATION

1. I declare on my honour that the information provided in this application form and in the documents enclosed with it is true and complete.
2. I further declare on my honour that:
 - (a) I am a national of one of the Member States and enjoy my full rights as a citizen;
 - (b) I have fulfilled any obligations imposed on me by the laws concerning military service;
 - (c) I meet the character requirements for the duties involved.
3. I am also aware that my application will be rejected if I fail to submit with the application form, within the deadline, photocopies of all supporting documents required to prove that I meet the conditions of eligibility (see Section A.3 of the recruitment notice).
4. I understand that the decisions of the selection committee are based solely on the supporting documents provided by candidates with their application forms and that no references to personnel files will be accepted.
5. I hereby authorise/do not authorise (delete as appropriate) the European Parliament to publish my name on the list of suitable candidates which will be posted on the noticeboards in its buildings.

Date and signature:

Enclosures: number

DO NOT FORGET TO SIGN THE FORM!

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	200
27 (RO)	
29	
33	
34	
36 (DA)	
41 (BG)	
43 (EN)	
49 (ET)	
50 (HU)	
51 (SL)	
54 (DE/EN/FR)	
58 (EN/GA)	
75	
81	
82	
88 (BG)	
89 (CS)	
94	
104	
109	
111	
112 (DE/EN/FR)	
117 (ET)	
118	
120	
131	
143	
160 (DE/EN/FR)	
162	
166	
167	
168	
172	
173	
174	
176 (BG/DE/EN/ET/FI/IT/LT/LV/MT/NL/PL/PT/SK/SL/SV)	
180 (MT)	
182 (DE/EN/FR)	
183 (IT)	
191	
192	
193	
194	
196	
197	
199	

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

